STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

---

F'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Patri Anastasju Cuschieri O.Carm., nhar l-24 ta' Ottubru 2012, id-Dipartiment tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti – Università bl-għajnuna tal-istudenti tal-Malti, Kit Azzopardi, Alvin Vassallo, John Farrugia, Daniel Bezzina u Doriana Vella, tellgħu taħdita fil-librerija tal-Università ta' Malta. Il-kelliema kienu Rev. Dr Charlò Camilleri O.Carm li tkellem fuq il-poeta Cuschieri bħala figura intellettwali li fiha ngħaqdu ħafna ħiliet akkademiċi, poetiċi, u politiċi, Dr Josette Attard li tkellmet dwaru bħala filosfu u fuq il-kitbiet estetiċi tiegħu u s-Sur Charles Coleiro li tkellem fuq il-poeta mil-lat personali. B'hekk Cuschieri ġie mfakkar mhux biss bħala poeta iżda wkoll bħala filosfu, politiku u fuq kollox, uman.

Dakinhar infetħet wirja ta' ritratti, manuskritti u kotba. Din il-wirja tinsab fil-librerija tal-Università u se ttul ġimgħa, sal-31 ta' Ottubru 2012. Inħeġġu lill-pubbliku sabiex iżur din il-wirja tal-poeta magħruf bħala l-poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija, u msejjaħ il-Professur mill-istudenti li tant kienu jgħożżu l-pariri tiegħu.

L-organizzaturi jixtiequ jroddu ħajr lis-Sur Alfred Degabriele, Rev. Dr Charlò Camilleri O.Carm u lill-Provinċja Karmelitana tal-għajnuna tagħhom biex tittella' tal-wirja kif ukoll lill-kelliema, lil-Librerija tal-Università, lill-Aġenzija Żgħażagħ u lil Emmanuel Delicata Winemaker Ltd.